**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**Brady Azzopardi**
**Ian Grech**
**Shaun Attard**

**Kumpilazzjoni Numru: 954/14**

**Illum, 26 ta’ Gunju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Brady Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 561494M; Ian Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 524995M; u Shaun Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 364595M.

Akkuzati talli f’xi hin filhgodu fil-11 ta’ Settembru 2014, gewwa Triq Sant’Andrija, San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Sasa Smiljanic skont kif iccertifika Dr C Giordimaina registration number 3584 tal-Isptar Mater Dei.

Ian Grech akkuzat wahdu talli:

2. Fl-istess data, hin u lok kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, permezz ta’ sentenza datata 22 ta’ Marzu 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha inkluz l-istqarrija tal-imputati li giet moghtija liberament u inkondizzjonament wara t-twissijiet mehtiega skont il-ligi inkluz id-dritt tal-avukat ta' fiducja tal-imputati liema dritt rrifjutaw li jiehduh;

Rat li f'dawn il-proceduri hemm assenza ta' provi fis-sens illi l-allegat vittma qatt ma resqet sabiex taghti x-xiehda taghha fil-Qorti u sahansitra telqet minn Malta, kif ukoll ma gewx jixhdu z-zewg tfajliet li ssemmew fir-rapport tas-surgent li kienu raw ir-reat isehh;

F'dan l-istadju din il-Qorti tirrimarka li l-prosekuzzjoni naqset f'dan l-aspett illi in mankanza ta' dawn il-provi hija setghet facilment talbet ghall-hrug ta' ittri rogatorji sabiex Qorti estera tisma' ix-xiehda ta' dawn il-persuni li huma kollha ta' nazzjonalita` barranija;

Illi madanakollu, u in mankanza ta' dan in-nuqqas l-imputati t-tlieta taw stqarrija volontarja dwar x'gara dakinnhar tar-reat fis-sens li ammettew l-involviment taghhom fil-feriment tal-vittma Sasa Smiljanic. Huma jghidu illi it-tlieta li huma bdew jaghtuh bil-ponn u bis-sieq wara li dawn rawh jimbotta tfajla u jargumenta ma' xi hadd iehor.

Illi l-istqarrija hija regolata bl-Artiklu 658 tal-Kap 9 illi jghid:

> *"Kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmulha minnu volontarjament u ma*

> *gietx imgieghlha jew mehuda b'theddid jew biza' jew b'weghdiet jew b'xi twebbil ta' vantaggi."*

L-Artikolu sussegwenti 659 imbaghad jghid illi:

> *"Meta l-konfessjoni titnizzel bil-miktub filwaqt tigi maghmulha l-kitba ghandha tigi prezentata . . .".*

L-unici kweziti huma li tkun maghmulha volontarjament u ma tkunx imtappna b'xi theddid, biza', weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **Pulizija v. Esron Pullicino** (deciza Q.A 6/12/2013) inghad illi:

> *"Illi din il-Qorti ma ghandhiex bzonn li tespandi fuq ebda argumentazzjoni migjub mill-appellant. Il-pozizzjoni f'dawn il-kazijiet hi cara. Kieku kien hemm xi prova ohra ghajr l-istqarrija u l-ewwel Qorti ma ezaminat tali prova lappellant kienu jkollu argument validu xi ressaq. Il-fatti ta' dan il-kaz jistriehu kollu fuq l-istqarrija tal-appellat minuri u ma hemm xejn aktar. Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad lappell u tikkonferma s-sentenza appellat."*

Illi dwar il-prova tal-istqarrija meta din tkun l-unika prova il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha bl-ismijiet **Pulizija v. Richard Borg** (Q.A deciza 18/09/2002) ghamlet enuncjazzjoni tajba hafna ta' din u cioe`:

> *"Illi bir-rispett, din il-Qorti tara kontradizzjoni manifesta fis-sentenza appellata . Ghaliex jekk ghab-bazi tal-istqarrija tal-appellat li hu jikkonsma d-droga kulljum waslet biex sabitu hati ta' pussess semplici , u dana bla ma kellha l-prova xjentifika li dik li kien jikkonsma l-appellat kienet fil-fatt eroina , sustanza kontrollata bil-ligi , hekk ukoll ghab-bazi ta' parti ohra tal-istess stqarrija , fejn l-appellat ammetta li hu kien xtara gramma eroina dak in-nhar li inqabad biha filghodu bil-prezz ta' Lm25 u qasamha f'sitt pakketti u li kien ghad fadal hadu hu u li dawn il-pakketti*

*kienu fuqu sabiex ibieghhom ghall-prezz ta' LM10 il-wiehed imma ma lahax ghamel dan , ghax qabduh il-Pulizija, l-ewwel Qorti kien imissa accettat dan il-fatt bhala pruvat anki jekk ma saritx il-prova forensika fir-rigward. Ghalhekk biex tkun konsistenti is-sentenza appellata, jew l-appellat - u kull minn bhalu jammetti li jkun ha droga bla ma did-droga tigi analizzata xjentifikament - kellu jigi liberat kemm mill-akkuza ta' pussess semplici kif ukoll minn dik ta' pussess f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu jew kellu jinstab hati tat-tnejn s'intendi bil-pussess semplici assorbit fil-pussess f'cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu . Illi hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha , dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew b'biza , jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg - haga li lanqas biss remotament ma sar accenn ghaliha f'dan il-kaz - u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr , sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm , tista' tittiehed bi prova kontra tieghu. (Art. 658 Kap.9) Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti , l-ewwel Qorti ma kienetx konsistenti maghha innifisha meta strahet fuq l-ammissjoni biex issib htija ta' pussess semplici bla ma kienet konfortata minn ezamijiet forensici , imma fl-istess waqt deherilha li ghandha tiskarta l-istess ammissjoni ghar-rigward talpussess f'cirkostanzi tali li juru li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-appellat , ghax ma saritx il-prova forensika.*

*Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ir-ragunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tillibera lill-appellat mill-akkuza dedotta kontra tieghu u issibu hati biss ta' pussess semplici , huma inkonsistenti kemm fuq bazi ta' ragjonevolezza ,kif ukoll fuq bazi ta' dritt probatorju u ghab-bazi tal-ammissjoni nkondizzjonata tal-appellat tal-fatti li akkompanjaw is-sejbien ta' droga fil-qalziet ta' taht tieghu , l-ewwel Qorti ma setghetx hlief issib il-htija tal-appellat u kull konkluzzjoni ohra tkun wahda stirakkjata ghall-ahhar , inkonsistenti u manifestament "unsafe and unsatisfactory" u tista' twassal ghal precedent perikoluz biex kull ammissjoni dwar droga ma jkollha ebda effett probatorju jekk ma tkunx akkumpanjata b'analisi tad-droga innifisha, analisi li f' hafna kazijiet ma tkunx tista' issir, ghas-semplici raguni li d-droga tkun lahqet giet ikkunsmata jew ma tinstabx."*

Illi ghaldaqstant u in mankanza ta' provi ohra u in sostenn tas-sentenzi hawn fuq citati, din il-Qorti ma tistax tinjora l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati fl-istqarrija izda pero` meta tigi biex tikkomputa x'tip ta' feriti gravi u taht liema dispozizzjoni tal-ligi ma tistax tohrog mill-istqarrija tal-imputati.

Kull ma ngab huwa x-xiehda tat-tabib li ccertifika lill-vittma Dr. Chris Giordimaina li xehed illi Sasa Smiljanic kien invistat fil-hdax (11) ta' Settembru tal-elfen u erbatax (2014) u kien qed isofri minn feriti f'wiccu li setghu potenzjalment ihallu marka fil-wicc u senjatament:

> *"laceration 1cm long over the right medial eyebrow, 7mm laceration on the right upper eyelid u 1cm laceration over the inferior orbits, ecchymosis over the right eye u fracture of the right nasal bone. Jiena sibthom dawn bhala griehi ta' natura gravi".*

Illi din il-Qorti ma setghetx tinnomina espert forensiku sabiex jiccertifika jekk kienx hemm sfregju fil-wicc tal-vittma ghaliex il-vittma qatt ma xehed.

Illi l-Artikolu 216 (1) tal-Kapitolu 9 li jirregola l-offizi gravi jghid hekk:

> *"-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -*
>
> *(a) jekk tista' ġġib periklu -*
>
> *(i) tal-ħajja; jew*
>
> *(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
>
> *(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
>
> *(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*
>
> *(b) **jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż**;* **(emfazi mizjud)**
>
> *(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien."*

Illi mix-xiehda tat-tabib hawn fuq ikkwotat, id-dizposizzjoni tal-Artikolu 216 li kellu jigi applikat f'dawn il-proceduri kien appuntu l-Artikolu 216 subinciz (b) stante li l-feriti kienu fuq il-wicc il-vittma izda peress illi l-vittma qatt ma resaq il-Qorti u qatt ma giex ikkonstatat jekk il-feriti tieghu jammontawx ghal sfregju fil-wicc din il-Qorti ma tistax issib htija taht dan l-Artikolu.

Illi semmaj u f'dan in-nuqqas jista' jigi applikat l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola offizi ta' natura hfief izda minhabba l-fatt illi din l-offiza hija istitwibbli bil-kwerela tal-parti civile u gialadarba il-vittma qatt ma resaq il-Qorti sabiex isostni l-ilment tieghu, mela anke din l-akkuza ma ssibx lokha f'dawn il-proceduri u kwindi ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati Brady Azzopardi, Ian Grech u Shaun Attard hati tal-akkuzi kif dedotti kontrihom stante li ma gewx ippruvati.

**Dr Claire Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**